MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2009

Numru 599/1999

Il-Pulizija
(Sup Carmelo Bartolo)
vs
Jason Agius, iben Joseph, imwieled l-Ingilterra fit-23 ta' Jannar, 1974

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli f'xi ħin, matul il-lejl ta' bejn it-13 ta' Ġunju, 1993 u l-14 ta' Ġunju, 1993 waqt li kien f'Ħal-Luqa, ikkometta serq ta' vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni E-8746, liema serq li sar għad-dannu ta' Hedi Bettaieb mir-Rabat, hu kkwalifikat bil-ħin, bil-mezz, bil-valur li ma jiskorriex l-elf lira maltin u bin-natura tal-ħaġa misruqa;
2. talli f'xi jum, matul il-perjodu ta' bejn it-18 ta' frar, 1997 u l-erbgħa snin ta' qabel din id-data, xjentement laqa' għandu, jew xtara, ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq,

jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, u cioe' vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni E-8746, jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħal sabiex ibiegħha jew imexxiha, liema vettura ġejja minn serq ikkwalifkat bil-valur li ma jiskorriex l-elf lira maltin;

3. talli f'xi jum, matul il-perjodu ta' bejn it-18 ta' frar, 1997 u l-erbgħa snin ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer, volontarjament ħassar jew għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara li saret għad-dannu ta' Hedi Bettaieb mir-Rabat teċċedi l-valur ta' ħames mitt lira maltin;

4. talli fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanżi, f'dawn il-Gżejjer iffalsifika jew kellu fil-pussess tiegħu u għamel użu minn dokument ta' proprjeta' pubblika u cioe' n-numru tar-reġistrazzjoni R-7385;

5. talli f'dawn il-Gżejjer, fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanżi, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni falza, jew ta tagħrif falz, billi waħħal set ta' 'number plates' foloz bin-numru R-7385 fuq l-imsemmija vettura.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-21 ta' Frar, 2006 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
Fl-artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 278, 330, 279, 280, 281, 325(a), 334, 187 188, 17(b), 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Jannar, 2009 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet ix-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' jannar, 2009 fejn l-imputat ammetta t-tieni u it-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti l-ewwel, ir-raba' u il-ħames akkuża miġjuba kontra l-imputat ma ġewx pruvati.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati ta' l-ewwel, ir-raba' u il-ħames akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn dawn l-akkużi. Issibu ħati tat-tieni u tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 334(a) u 325(a) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali u t-trapass taż-żmien ta' din il-kawża. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tmintax (18) il-xahar mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------